MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 53/2006

**Talba Nru: 53/06VGD**

Aluserv Limited (C16207).

Vs

Alfred Zariffa.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi hija pprestat xoghol ta’ aluminium fir-residenza tal-konvenut u dan fuq struzzjonijiet tal-istess konvenut. Illi s-socjeta’ attrici lestiet x-xogholijiet u twahhlu u l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa inadempjenti fl-ammont ta’ erba mitt lira

Maltin (Lm400), u ghaldaqstant s-socjeta’ attrici titlob illi l-konvenut jigi kkundannat li jhallas l-ammont ta’ erba mitt lira Maltin (Lm400), bl-ispejjes kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni u bl-imghax mid-data tal-fattura.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta’ disa mija u wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75), ekwivalenti ghal erba mitt lira Maltin (Lm400), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------